MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 1/2011

**Onorevoli Joe Mizzi**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Provvediment tat-Tribunal tal-Appelli ghall-Kompetizzjoni u ghall-Konsumatur:

Rat il-verbal taghha tat-30 ta’ Novembru 2011;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Rat li l-kwistjoni mqajma thalliet ghall-provvediment ghall-21 ta' Marzu 2012;

**Ikkunsidrat**

Dan id-digriet jirrigwarda l-istedina li sar minn dan it-Tribunal fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 sabiex jigi ccarat ir-rwol tad-Direttur Generali tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni f'dawn il-proceduri quddiem it-Tribunal tal-Appelli gia maghruf bhala Kummissjoni ghall-Kummerc Gust.

**Ligi applikabbli**

Qabel xejn pero jigi rilevat illi l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghall-Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur Kap. 510, gie fis-sehh f'Mejju 2011.

l-artikolu 70(1) ta' dan l-Att jipprovdi illi:
Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw, kif ikun il-każ, għal kull:
(a) investigazzjoni pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att quddiem id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta u d-Direttur tal-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) b'dan l-Att;
(b) proċedura pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att quddiem il-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni Ġusta u l-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-
Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mit-Tribunal tal-Appell, it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi u l-qrati; u
(ċ) deċiżjoni u sentenza li ma jkunux res judicata fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Hu pacifiku illi l-proceduri pendenti quddiem dan it-Tribunal imbdew qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u kwindi l-proceduri odjerni ghandhom ikunu regolati mad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kif kienu

jezistu qabel id-dhul fis-sehh tal-Att, u ghalhekk kull referenza li ser issir minn dan it-Tribunal ser jirrerferi ghal ligi kif kienet qabel l-emendi.

Jigi rilevat ukoll ghal kompletezza illi l-artikolu 70(3)(a) tal-Kap. 510 li jaghmel referenza ghall-artikolu 70(1)(b) jipprovdi:
Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) it-Tribunal tal-Appell għandu jkun vestit bis-setgħat:
(a) tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust kif provdut fl-Att dwar il-Kompetizzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att;

Il-Kapitolu 379 jaghti lill-Ufficju ghall-Kompetizzjoni mmexxi mid-Direttur il-funzjonijiet u dmirijiet assenjati lilu f’dan l-Att relatati ma’ investigazzjoni, determinazzjoni u sopprasessjoni ta’ prattici restrittivi u jezercita s-setghat lilu konferiti mill-istess Att u li jistghu jigu assenjati lilu mill-Ministru (art. 3). Fil-qadi ta’ dawn il-funzjonijiet l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni jista’ jaghmel investigazzjoni ex officio jew fuq talba tal-Ministru jew terzi li jaghmlu lmenti dwar allegazzjoni ragonevoli ta’ ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att jew wara talba minn awtorita nazzjonali tal-kompetizzjoni ta’ Stat Membru iehor, jew mill-Kummissjoni Ewropeja nnifisha (art. 12).

Hu indubitat li l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni hu organu mwaqqaf mill-Gvern u essenzjalment l-iskop tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni hu l-applikazzjoni oggettiva w indiskriminata tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-interess pubbliku kemm jekk jirrigwarda individwu, assocjazzjoni jew intraprisa fit-termini tal-ligi.

Il-ligi taghti s-setgha lill-Ufficju ghall-Kompetizzjoni li tinvestiga ex officio, jew fuq rikjesta tal-Ministru, jew ilment imressaq minn terzi kull allegat abbuz jew vjolazzjoni tal-ligi. L-istess Ufficju ghandu poteri mifruxa biex jezercita din il-funzjoni u hu munit ukoll b’poteri ezekuttivi ta’ tfittxija u darba mitmum l-inkarigu, bir-rapport tieghu, ghandu dritt jezercita sanzjonijiet premessi mill-ligi f’kazijiet li l-istess ligi tqis bhala mhux ksur serju konsistenti f’’cease and desist jew compliance order’ (ara artikolu 12A(1) u 13(1) tal-Kap. 379. Huwa awtorita amministrattiva b’poteri kwazi

gudizjarji bl-effetti tal-istess poteri. Bla dubju ta’ xejn hu biss l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni li ghandu dritt imexxi u jikkonkludi investigazzjoni dwar il-kompetizzjoni, liema investigazzjoni hi ta’ indoli pubblika fis-sens li ssir fl-interess pubbliku u f’certi istanzi dak Kommunitarju. Il-Qorti tirreleva li hemm istanzi previsti mill-ligi fejn avolja l-Ufficju hu munit bil-poter u obbligu korrispettiv li jinvesta allegazzjoni ta’ ksur, f’kazijiet ta’ ksur serju jew ksur tal-artikoli 101 jew 102 tat- Trattat tal-Komunjoi Ewropea, hu t-Tribunal li ghandu l-poter li jaghti decizjoni fuq l-allegat ksur u l-Ufficju jaghmel biss rapport minghajr poteri ezekuttivi (ara artikolu 12A(2) u 12A(3) u artikolu 13 tal-Kap. 379). Dan hu distint mill-azzjoni privata civili li titmexxa bejn tnejn jew aktar partijiet kontra xulxin ghad-determinazzjoni u rimedji ta’ ksur ta’ regoli tal-kompetizzjoni.

Il-lanjant jew il-Ministru jew f’certi kazijiet Awtorita Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni ta’ xi Stat Membru iehor jew il-Kommissjoni Ewropea li jistghu ipoggu lmenti u rikjesti skond il-ligi quddiem l-Ufficju huma biss l-istrument li bihom tista’ timbeda l-investigazzjoni (sakemm din ma tkunx wahda ex officio) li twassal ghar-rapport pero fl-ahhar mill-ahhar ir-responsabilta ghal dak konkluz fir-rapport hu biss tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni (artikolu 12 tal-Kap. 379).

Ir-rapport tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni pero ma jikkostitwix res judicata ghaliex il-Kap. 379 taghti lill-lanjant, intrapriza jew assocjazzjoni milquta minn konkluzjoni avversa tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni, id-dritt li tressaq dik id-decizjoni jew rapport ghall-istharrig tat-Tribunal tal-Appell (billi llum il-Kummissjoni ghall-Kompetizzjoni qed tissejjah Tribunal tal-Appelli (art. 13A).

Rilevanti hu illi l-proceduri ghal istharrig f’kaz ta’ksur mhux serju quddiem it-Tribunal jinbdew minn ittra tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni wara li l-istess parti aggravata tinforma li trid li jsir stharrig tad-decizjoni tal-Ufficju, lill-istess Ufficju. Dan ma jsirx permezz ta’ xi appell, rikors jew ittra direttament mill-lanjant quddiem it-Tribunal, izda jsir b’ittra indirizzata lill-Ufficju biex jinbdew il-proceduri ta’

stharrig liema ftuh ta’ proceduri, l-istess Ufficju hu obbligat bil-ligi igib a konjizzjoni tat-Tribunal biex dan jibda u jikkonkludi l-proceduri ta’ stharrig tad-decizjoni tal-istess Ufficju. F’kaz ta’ sejbien ta’ ksur serju, l-Ufficju hu obbligat jghaddi r-rappport tieghu lit-Tribunal ghal decizjoni, pero ma jiehux decizjoni l-Ufficju.

Fil-proceduri quddiem it-Tribunal bhal dawk odjerni l-iskeda tal-Kapitolu 379 ‘Regoli ta’ Procedura li ghandhom x’jaqsmu mal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust’ tipprovdi zewg artikoli rilevanti.

L-artikolu 8 ighid hekk:
Il-laqghat tal-kummissjoni issiru in camera:
Izda
a) Id-direttur ghandu jkollu l-jedd li jkun prezenti waqt il-laqghat kolha;
b) L-intrapriza rilevanti u kull persuna li tkun resqet l-ilment ghandu jkollhom il-jedd li jaghmlu sottomissjonijiet dwar kull kwistjoni li tkun quddiem il-kummissjoni, kif ukoll li jipprezentaw kull dokument jew prova ohra li jistghu jkunu rilevanti ghal dik il-kwistjoni;
c) Il-Kummissjoni Ewropeja fil-kazijiet kollha li jinvolvu l-applikazzjoni tal-artikolu 81 u jew l-artikolu 82 tat-Trattat tal-Kummissjoni Ewropeja ghandu jkollha jedd taghmel sottomissjonijiet dwar kull kwistjoni li tkun quddiem il-kummissjoni, kif ukoll tipprezenta kull dokument jew prova ohra li jistghu jkunu rilevanti ghal kwistjoni.

L-artikolu 7(b) tal-iskeda imbaghad ighid hekk:

Kull intrapriza li turi li l-attivitajiet taghha jkunu milquta direttament mill-prodediment quddiem il-kummissjoni u kull persuna li tallega li tkun il-vittma ta’, jew li tkun avversament milquta minn, xi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att, mertu tal-procediment, inkluz konsumatur li hekk jallega jew ghaqda ta’ konsumaturi registrata li tagixxi f’isem konsumaturi b’mod generali, tista’ bil-miktub tigi ammessa tintervjeni fil-procedimenti quddiem il-kummissjoni fi kwalunkwe studju taghhom.

**Mertu**

Il-kwistjoni li tqajmet minn dan it-Tibunal f'dawn il-proceduri hu dwar il-kejl tal-partecipazzjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni fi proceduri quddiem it-Tribunal. L-artikolu 8(a) ighid biss li d-Direttur tal-Kompetizzjoni ghandu jkun prezenti ghal laqghat ta' stharrig tat-Tribunal.

Sfortunatament dan is-subartikolu ma jghin xejn lil vertenza iktar u iktar meta l-paragrafu 8(b) jaghti kejl specifiku u dettaljat dwar id-drittijiet tal-intrapriza koncernata, jew il-persuna li tkun ressqet l-ilment. L-istess jinghad ghal dawk il-persuni li skond il-ligi ghandhom il-jedd jintervjenu fejn allura ghandhom jigu applikati r-regoli procedurali ta' intervenuti fil-kawza art. 8(c).

L-artikolu 13 tal-Iskeda ghall-Kap. 379 jaghti s-setgha lit-Tribunal illi fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att, tista' tirrikorri fost ohrajn ghal decizjonijiet precedenti taghha, decizjonijiet tal-Qorti ta' Prim'Istanza u tal-Qorti ta' Gustizzja Ewropea.

Il-partijiet f'din l-istanza ma jaqblux dwar il-kejl tar-rwol tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni quddiem il-Kummissjoni. Filwaqt li l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni jishaq illi l-Ufficju ghandu jkun parti bhala konvenut fil-proceduri quddiem il-Kummissjoni, il-lanjant Onorevoli Joe Mizzi jasal biss li jikkoncedi li l-Ufficju ghandu dritt jattendi ghal laqghat u b'hekk isegwi l-process ta' stharrig kif ukoll iressaq sottomissjonijiet tieghu bil-miktub u jekk jippermettilu t-Tribunal, jaghmel sottomissjonijiet orali. Is-socjetajiet lanjati Enemalta u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jsostnu invece li l-Ufficju bhala public enforcement body ghandu jkollu d-dritt jippartecipa fil-proceduri biex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu fis-sens li jgib a konjizzjoni tat-Tribunal il-fatti li fuqhom strieh biex wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu, kif ukoll jiccara u jressaq il-hsibijiet tieghu u jaghmel sottomissjonijiet. Pero ma ghandux ikollu l-jedd ta' parti fis-sens li jtella' provi oltre dawk li jirrizultaw mir-rapport.

Dan it-Tribunal jibda biex jirreferi ghal dak sottomess mill-Ufficju cioe illi f'okkazzjonijiet precedenti l-Kummissjoni

dejjem tat 'rights of a party' lil Ufficju ghall-Kompetizzjoni u f'dan is-sens it-Tribunal ghandu jaghti piz tad-decizjonijiet passati tieghu skond l-artikolu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 379. It-Tribunal iqis illi dak sottomess u kkwotat qua talbiet ghal stharrig quddiem it-Tribunal ma humiex vertenzi fejn tqajmet din il-kwistjoni specifika.

Jista' jkun u hekk jidher li hu l-kaz illi qatt ma saret oggezzjoni ghal kejl tal-'prezenza' tal-Ufficju quddiem il-Kummissjoni jew il-Kummissjoni hasset fil-kazijiet imressqa quddiemha li kellha taghti direttivi lil Ufficju biex jirregola ruhu kif mitlub mill-Kummissjoni pero dan wahdu mhux decizjoni cara w univoka tal-Kummissjoni dwar il-kejl tar-rwol tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni la darba l-kwistjoni qed titqajjem esplicitament f'din l-istanza.

Issir referenza in subiecta materia ghas-sentenza li giet ikkwotata mid-Direttur ghall-Kompetizzjoni u li giet skrutinata mill-partijiet fil-vertenza **VEBIC (C-439/08)** deciza fis-7 ta' Dicembru 2010. Din is-sentenza ser tinghata l-importanza dovuta mit-Tribunal fl-isfond tal-artikolu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 379 qua fonti ta' interpretazzjoni pero qabel xejn wiehed irid jara x'ried il-legislatur Malti u jekk il-ligi taghna taghtix lok ghal interpretazzjoni cara minghajr rikors ghal gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fil-fehma tat-Tribunal jispikka l-fatt illi l-artikolu 8 tal-Iskeda tal-Kap. 379 ma jaghtix l-istess drittijiet moghtija lill-lanjant u l-intrapriza koncernata bhal ma jaghti lil Ufficju ghall-Kompetizzjoni. Din hi sinjifikattiva specjalment meta l-istess artikolu 8 jiddestingwi fis-subparagrafi (a) u (b) bejn l-Ufficju mill-banda wahda u l-lanjant u intrapriza mill-banda l-ohra u t-terz interessat fis-subparagrafu (c). Li kieku l-legislatur ried jaghti l-istess drittijiet kien jaghmilha b'mod esplicitu u dan ma ghamlux anzi fl-istess artikolu ghamel distinzjoni netta.

Ghalhekk it-Tribunal irid jara x'effett ghandu jinghata lil 'prezenza' tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni fi proceduri quddiemha. Jibda biex jinghad illi proceduri mehuda mill-Ufficju kemm ex officio u kemm wara lment ma humiex

‘adverserial’. Il-kompitu tal-Ufficju hu simili ghal dak ta’ awtorita pubblika munita b’poteri, fost affarijiet ohra msemmija fl-Att, sabiex jassigura li jkun hawn kompetizzjoni gusta a salvagwardja tal-interessi generali tal-intrapriza, assocjazzjoni u finalment il-konsumatur. L-Ufficju jinvestiga u jikkondludi investigazzjoni b’sejbien ta’ ksur jew nuqqas ta’ ksur. F’din il-vesti l-Ufficju mhux parti f’vertenza f’sens ta’ parti kontra parti ohra billi l-Ufficju ma ghandhux interess personali jew f’isem terzi fil-vertenza bhala tali izda qieghed hemm supra partes fl-interess tal-kummerc u kompetizzjoni gusta. Ir-rwol tieghu hu ta’ watch dog biex jara li ma jsirx abbuz jew ksur ta’ regoli ta’ kompetizzjoni u jintervjeni f’kaz affermattiv. Fi kliem iehor l-Ufficju mhux qieghed hemm biex jaghmel tieghu pozizzjoni mehuda minn parti jew aktar izda sabiex jassigura li l-ligi tal-kompetizzjoni qed tigi osservata. Ovvjament il-konkluzzjonijiet tieghu, kif inhu doveruz f’kull demokrazija li fiha isaltan id-dritt, huma soggetti ghal stharrig jew revizjoni minn Tribunal ghal kollox indipendenti mill-partijiet kollha inkluz l-istess Ufficju. Hu wkoll doveruz f’dan l-istadju li t-Tribunal jaccenna li l-Ufficju fil-funzjonijiet tieghu amministrattivi pubblici u kwazi gudizjarji fl-esekuzzjoni ta’ sejbien ta’ htija irid jibni kull investigazzjoni fuq ir-rispett u l-osservanza tas-saltna tad-dritt u l-principji tal-gustizzja naturali u dan biex jassigura li ghandu l-informazzjoni necessarja adegwata, kredibbli u certa biex jasal ghal konkluzjoni tieghu, liema konkluzjoni ghandha jkollha biss mill-gust u ekwu.

Madakollu wiehed ma jistax jahrab il-fatt ovvju illi kull talba ghal stharrig qed issir fil-konfront ta’ dak li jkun iddecieda l-Ufficju u f’dan is-sens il-legittimu kontradittur ta’ kull talba ghal stharrig trid issir fil-konfront ta’ dak li investiga u ddecieda cioe l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni.

F’dan is-sens hi necessarja l-partecipazzjoni attiva tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni fl-istadju quddiem it-Tribunal sabiex jekk jinhtieg u/jew jintalab, ikun jista’ jispjega u jiccara x’wasslu ghal konkluzjoni jew decizjoni tieghu u ghalhekk f’certu sens jsostni b’mod konkret dak deciz minnu.

Il-funzjoni primarja tal-Ufficju tintemm malli hu jaghlaq l-investigazzjoni tieghu bid-decizjoni jew konkluzjoni raggunti minnu u provvedimenti mehuda minnu f'certi kazijiet u f'kazijiet ta' ksur serju l-investigazzjoni tinghalaq bir-rapport tieghu biss. L-Ufficju jkun wasal ghad-decizjoni tieghu fuq il-fatti rakkolti minnu jew migjuba a konjizzjoni tieghu u jkun evalwa dawn il-fatti fil-parametri tal-ligi, tenut kont tal-evalwazzjonijiet guridici ekonomici li jkun ghamel u li jkunu jirrizultaw mill-konkluzjonijiet tieghu.

L-istharrig li jsir quddiem it-Tribunal hu intiz biex jigi verifikat jekk dik id-decizjoni f'kaz ta' ksur mhux serju kienitx gusta w ekwa wara li l-partijiet koncernati u milquta mid-decizjoni jinghataw il-fakolta li jressqu t-talba taghhom. F'kaz ta' ksur serju l-istharrig tat-Tribunal imur oltre minhekk billi l-Ufficju ikun ghamel biss rapport u d-decizjoni tispetta lit-Tribunal

Ir-rwol tal-Ufficju mhux wiehed passiv f'dan l-istadju u ghalkemm il-prezenza tieghu hi necessarja kemm biex jiddefendi dak gia konkluz minnu izda wkoll biex jiccara u jghin lit-Tribunal u lil partijiet infushom ghar-ricerka tal-verita, b'daqshekk ma taghmlux parti fis-sens ordinarju ta' parti f'kawza li jista' jgib provi godda minn rajh u jtella' xhieda minn rajh, billi kif inghad dawn mhux 'adverserial proceedings'. Ir-rwol tieghu quddiem it-Tribunal hu wiehed ta' 'watchdog' tal-andament tal-proceduri quddiem it-Tribunal biex jassigura li dak konkluz minnu jigi kostruit fis-sens konkluz u jassisti lit-Tribunal qua parti li kontra taghha qed jintalab l-istharrig ta' dak deciz minnha biex jiddefendi u jiccara l-pozizzjoni tieghu dejjem pero fl-ambitu ta' dak gia konkluz minnu.

F'dan is-sens il-ligi tinsisti li l-Ufficju ghandu jkun prezenti fil-procedura ta' stharrig b'obbligu mhux b'ghazla u jkollu l-jedd li jissottometti bil-fomm u bil-miktub ghal dak li jkun qed isir u jingieb quddiem it-Tribunal u fejn it-Tribunal jidhirlu necesarju u/jew utili jirrispondi ghal kwiziti tal-partijiet involuti u tat-Tribunal, izda ma ghandux l-Ufficju fir-rwol tieghu f'dan l-istadju jerga' jithalla jtella provi ohra jew jissostanzja dak konkluz minnu bi provi jew dokumentazzjoni ulterjuri mhux gia mistharrga minnu biex

wasluh ghall-konkluzjoni tieghu. Altrimenti ma jkunx jaghmel sens li t-Tribunal tistharreg dak deciz mill-Ufficju jekk l-Ufficju mhux ser ikun marbut biss ma’ dak kollu migbur minnu u li waslu ghad-decizjoni jew rapport tieghu.

Ovvajament kull kaz fih il-fattispecie tieghu u ma hemm xejn li fin-nuqqas ta’ provvedimenti ohra, din it-Tribunal ma jistax ex officio jew tramite talba ad hoc anke mill-istess Ufficju f’cirkostanzi partikolari, jitlob jew jordna lill-Ufficju jrressaq xi prova gdida lit-Tribunal jidhirlu necessarju u bzonnjuz fl-interess tal-gustizzja ghal soluzzjoni gusta w ekwa tal-vertenza izda dan ghandu jkun fil-prerogativa tat-Tribunal u mhux qua dritt tal-Ufficju ghall-Kompetizzjoni.

Dan it-Tribunal ghalhekk iqis sinjifikattiv il-mod kif il-ligi ordnat ‘il-prezenza’ tal-Ufficju fi proceduri ta’ stharrig pero ma taghtux l-istess jeddijiet tal-partijiet l-ohra fil-proceduri ta’ stharrig u dan fil-fehma tat-Tribunal sabiex jigi assikurat illi l-partecipazzjoni attiva tal-Ufficju qua parti cioe qua intimat jew konvenut tkun limitata biss biex isostni biss dak konkluz minnu tenut kont tal-provi u dokumentazzjoni migbura minnu u mhux biex hu jiftah fronti godda, sakemm it-Tribunal, skond in-natura tal-kaz ma jidhrilhux mod iehor.

Is-sentenza VEBIC li kienet ukoll tirrigwarda kaz ta’ kompetizzjoni rigwardanti biss intraprizi f’territorju nazzjonali u mhux dak fejn l-effett fuq il-kummerc hu bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, kienet tirrigwarda kaz specifiku taht ligi specifika cioe dik Belgjana u n-nuqqas ta’ rwol li kellu l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni f’dak il-kaz fl-ambitu tal-ligi Belgjana quddiem l-organi ta’ appell f’dak il-pajjiz u r-rimedju disponibbli.

Dak li gie deciz f’dak il-kaz in linea ta’ principju hu illi l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni ghandu jkun ‘parti’ bhala intimat fil-proceduri ta’ revizjoni jew stharrig tad-decizjoni tieghu bid-dritt li jintervjeni skond kemm jidhirlu necessarju fic-cirkostanzi ta’ kull kaz u dan biex jigi garantit u salvagwardat illi ma jinstemghax biss il-parti aggravata mir-rapport jew decizjoni minghajr ma l-Ufficju li ghamel u

rapport jew decizjoni jithalla jiddefendi d-decizjoni jew rapport tieghu ghall-finijiet ta’ principji ta’ gustizzja naturali u drittijiet fundamentali u sabiex it-Tribunal revizur jassigura li jkollu quddiemu dak kollu li jqis necessarju ghal decizjoni meqjusa.

Il-ligi taghna ma kellhiex dan in-nuqqas lampanti tar-rwol tal-Ufficju fi proceduri ta’ revizjoni u ghalhekk hi aktar cara u t-Tribunal iqis li l-fehmiet tieghu kif riportati f’din id-decizjoni jenkapsulaw l-ispirtu tal-ligi taghna u ma humiex inkompatibbli ma’ dak deciz fil-kawza VEBIC li l-importanza taghha ma ghandhiex pero toffuska l-mod kif l-organi gudizjarji jew kwazi gudizjarji taghna iqisu li ghandhom jitmexxew l-vertenzi ta’ stharrig mill-lat proceduraIi u sostantiv taghhom, dejjem pero b’harsa lejn dak li in linea di massima qed jippronunzjaw il-Qrati Ewropej.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi illi l-Ufficju ghall-Kompetizzjoni ghandu dejjem ikun il-legittimu kontradittur fi stharrig quddiem it-Tribunal u jiddahhal bhala intimat fil-vertenzi quddiem it-Tribunal fejn l-istess Ufficju jkun ghamel decizjoni soggetta ghal stharrig jew rapport sogget ghal decizjoni skond il-kaz pero l-partecipazzjoni attiva tal-istess Ufficju ghandha tkun cirkoskritta ghal dak deciz f’dan il-provvediment.

| | |
|---|---|
| Onor. Mark Chetcuti LL.D. | Prof. Lino Briguglio |
| | Marcel Pizzuto |
| Imhallef | Membru |
| | Membru |

Anne Xuereb
Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------